

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2006/2018(BUD)**

12.9.2006

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2007  
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - il-Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Neena Gill

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Itenni l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE u l-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, u jesprimi t-tħassib tiegħu li l-appropriazzjonijiet skond l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju plurijennali m'humiex konformi magħhom;
2. Jiddispijaċih b'mod partikulari bin-nuqqas fil-qafas finanzjarju plurijennali ta' kważi 30% tal-baġit għas-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp tekniku u l-attivitajiet dimostrattivi (FP7) u ta' kważi 25% tal-baġit għall-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP); iżda jenfasizza li l-Istati Membri jiffinanzjaw ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, u jfakkar fil-mira ta' Barċellona, li skond din il-mira żewġ terzi ta' l-iffinanzjar għandu jkun ipprovdut mis-settur privat;
3. Jilqa' l-kontribuzzjoni tal-Bank Ewropew għall-Investment permezz tal-faċilità ta' l-iffinanzjar ta' qsim ta' riskju għar-riċerka u l-iżvilupp u permezz tal-provvediment ta' self u garanziji għan-netwerks transewropej u għal SMEs peress li dawn jistgħu jsaħħu l-effett ta' spinta tal-baġit ta' l-UE;
4. Jenfasizza l-flessibilità ta' 5% pprovduta mill-Ftehma Interistituzzjonali fir-rigward tal-programmi kodeċiżi plurijennali, fil-fatt il-flessibilità tista' tintuża biex tinkludi aktar impenji minn kmieni fil-programmi biex tagħti spinta dawk il-programmi li jitqiesu bħala prijorità għall-Parlament Ewropew;
5. Ifakkar fl-importanza tat-tishiġ tal-kapaċitajiet tat-'trijanglu ta' tagħrif ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u fit-tishiġ tal-ħoloq bejniethom; jappoġġja b'mod qawwi l-iżvilupp tas-soċjetà Ewropea ta' l-informazzjoni, peress li din tippromwovi l-inklużjoni, servizzi pubbliċi aħjar u kwalità tal-ħajja aħjar;
6. Jemmen li l-potenzjal għall-impjiegi ta' l-intrapriżi innovattivi jista' jgħin lill-UE biex tegħleb ċerti diffikultajiet preżentati mill-globalizzazzjoni; jenfasizza l-importanza tas-simplifikazzjoni kontinwa tar-reġim regolatorju, b'mod partikulari dak ta' l-SMEs;
7. Jirrikonoxxi l-importanza tas-sostenibilità, tal-kompetittività u tas-sigurtà fil-provvista ta' l-enerġija kif ukoll l-użu effiċjenti ta' l-enerġija fl-UE; jenfasizza l-importanza tad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass u taż-żejt u ta' l-esplorazzjoni tal-mezzi kollha possibbli li jtejbu l-awtosuffiċjenza ta' l-UE fl-enerġija;
8. Jenfasizza li l-baġit għas-sena finanzjarja 2007 għandu jirrifletti l-pożizzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar l-FP7<sup>1</sup>, b'mod speċjali fir-rigward tad-diviżjoni tat-temi ta' spazju u ta' sigurtà, ta' l-appoġġ ta' Kunsill Ewropew għar-Riċerka awtonomu u indipendenti u tad-deċiżjoni biex jintefqu żewġ terzi tal-baġit tar-riċerka ta' l-enerġija mhux nukleari skond l-FP7 fuq sorsi ta' enerġija li jergħu jigggeddu u fuq l-effiċjenza fl-

---

<sup>1</sup> *Testi Adottati*, P6\_TA(2006)0265.

enerġija.

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-PDB 2007 huwa l-ewwel qafas finanzjarju plurijennali ġdid li se jiggwida l-finanzi ta' l-UE sa l-2013, b'hafla programmi ġodda li se jitwaqqfu fl-2007.

Is-subintestatura 1a hija l-"qofol" ta' l-istrateġija ta' Liżbona. Approprijazzjonijiet ta' impenn skond din is-subintestatura żdiedu bi 11.5% sa EUR 8 796.1 miljun, u jħallu marġni ta' EUR 121.9 miljun. Approprijazzjonijiet ta' pagament naqsu b'6.5% sa EUR 6 943.5 miljun; ir-raġuni prinċipali għal dan tista' tkun it-twaqqif ta' programmi ġodda u l-fatt li l-fażi kostituttiva normalment fil-bidu tinkludi aktar impenji milli pagamenti.

### **TITOLU 01: AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI**

#### *Operazzjonijiet finanzjarji u strumenti (Kapitolu 04)*

Il-baġit ta' dan il-kapitolu żdied minn EUR 320.64 miljun sa EUR 367.16 miljun. Il-"Programm għall-intrapriżi - titjib ta' l-ambjent finanzjarju għall-SMEs" jinsab fit-tmien tiegħu, li jfisser li m'hemmx impenji iżda pagamenti biss għall-2007. CIP se jitwaqqaf fl-2007 u ġiet maħluqa linja ġdida 01 04 04 għall-Programm ta' Intraprenditorjat u Innovazzjoni tiegħu.

### **TITOLU 02: INTRAPRIŻA**

#### *Kompetittività, politika industrijali, innovazzjoni u intraprenditorjat (Kapitolu 02)*

Il-baġit ta' dan il-kapitolu żdied minn EUR 73.74 miljun sa EUR 145.86 miljun (żieda ta' 97.82%). Din l-attività se tkun appoġġjata mill-Programm ta' Imprenditorjat u Innovazzjoni tas-CIP li se jiġbor ir-riżorsi finanzjarji li jikkorrispondu disponibbli fl-2007.

#### *Koperazzjoni - Spazju u sigurtà (Kapitolu 04)*

Il-baġit ta' dan il-kapitolu żdied minn EUR 122.10 miljun sa EUR 171.72 miljun (żieda ta' 40.64%); L-FP7 se jipprovdi żieda sostanzjali ta' riżorsi. Ġiet maħluqa linja ġdida (Riċerka ta' Sigurtà u Spazju - 02 04 01) biex tkopri l-attivitajiet kollha f'dan il-qasam.

### **TITOLU 06: ENERĠIJA U TRASPORT**

#### *Trasport fuq l-art, bl-ajru u marittimu (Kapitolu 02)*

Attività ta' importanza għolja għal ITRE hija l-ħolqien ta' programm speċifiku għal Galileo (fażi implimentattiva, linja ġdida 06 02 10, EUR 100 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn); u l-iżvilupp ta' l-Awtorità Superviżorja Galileo (linja 06 02 09, żieda ta' 68.5%).

#### *Netwerks transewropej (Kapitolu 03)*

Iż-żieda baġitarja ta' 17.51% hija marbuta ma' l-immaniġġjar tal-programm il-ġdid għal 2007-2013. "Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk ta' enerġija transewropej (06 03 02) se jitlesta, u ġiet maħluqa linja ġdida (06 03 04). Impenji skond il-linja l-qadima u dik ġdida juru kontinwità.

#### *Enerġija konvenzjonali u li terġa' tiġġedded (Kapitolu 04)*

Il-baġit ta' dan il-kapitolu naqs bi ftit minn EUR 62.26 miljun sa EUR 60.38 miljun (tnaqqis ta' 3.01%). Il-programm "Enerġija Intelliġenti - l-Ewropa" se jitlesta u l-programm "Enerġija

Intelliġenti - l-Ewropa II" (linja ġdida 06 04 06) se jkun kostitwit b'hal parti mis-CIP. Il-programm ġdid huwa suġġett għal 'frontloading'; iżda l-impenji skond il-linja l-qadima u dik ġdida juru kontinwità.

#### *Enerġija nukleari (Kapitolu 05)*

Il-baġit ta' dan il-kapitolu żdied minn EUR 165.30 miljun sa EUR 264.30 miljun (żieda ta' 59.89%). Din iż-żieda qawwija seħħet b'mod prinċipali minħabba ż-żieda fil-linja 06 05 05 tal-"Miżuri tranżitorji - sikurezza nukleari (żarmar ta' l-impjanti nukleari)" (EUR 143.200 miljun fl-2006 u EUR 244 miljun fl-2007), li seħħet minħabba t-tkabbir.

### **TITOLU 08: RIĊERKA**

#### *Koperazzjoni*

Dan il-programm se jkopri l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa f'koperazzjoni transnazzjonali; il-baġit ta' l-2007 jipprova kontinwità ma' azzjonijiet li diġà jeżistu fl-FP6.

#### *Ideat*

Dan il-programm se jkun allokat biex jintroduċi dinamika ġdida fir-riċerka billi jstabilixxi primjum fuq l-eċċellenza permezz tal-kompetizzjoni; se jkun sostnut Kunsill Ewropew tar-Riċerka. Dawn huma attivitajiet maħluqa ġodda, b'hekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal baġit ta' l-2007 irid jinqara b'mod indipendenti mill-approprijazzjonijiet ta' l-2006.

#### *Persuni*

L-ebda differenza maġġuri ma teżisti bejn il-baġit mitlub għal dan il-programm fl-2007 u l-azzjonijiet "Marie Curie" ta' l-FP6 2006.

#### *Kapaċitajiet*

Il-baġit se jkun allokat biex jiżgura l-aqwa użu u l-iżvilupp ta' l-infrastrutturi tar-riċerka. Ġew mitluba approprijazzjonijiet skond dan l-objettiv speċifiku biex ikunu ffinanzjati attivitajiet li jeżistu diġà taħt l-FP6; minbarra dan, il-finanzi ntalbu għal attivitajiet ġodda allokat għat-tisħiħ tal-potenzjal tar-riċerka tar-reġjuni Ewropej.

### **TITOLU 09: SOĊJETÀ TA' L-INFORMAZZJONI U L-MIDJA**

Għal 2007, l-objettivi tad-DG INFSO twaqqfu direttament mill-istrateġija i2010. L-attivitajiet tal-linji 09 02 (*Politika ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u sigurtà tan-netwerk*) u 09 06 (*Politika awdjoviżiva u l-Programm Media*) huma magħquda direttament ma' l-ewwel kolonna ta' l-i2010. Żewġ attivitajiet ta' riċerka (09 04 *Koperazzjoni - Informazzjoni u komunikazzjoni* u 09.05 *Kapaċitajiet - Infrastrutturi ta' riċerka*) jikkontribwixxu għat-tieni kolonna ta' l-i2010 u jaqgħu fi ħdan l-FP7 (linji ġodda). L-attivitajiet tal-linja 09 03 (*Kontenut u servizzi*) jirrelataw mat-tielet kolonna ta' l-i2010, fejn ġiet maħluqa linja ġdida għall-programm ta' politika ta' appoġġ fl-ICT tas-CIP. M'hemm ebda varjazzjoni sinifikattiva fir-riżorsi finanzjarji u umani fir-rigward tal-baġit ta' l-2006.

### **TITOLU 10: RIĊERKA DIRETTA**

Il-baġit għat-titolu 10 żdied minn EUR 329,60 miljun għal EUR 348,47 miljun (żieda ta' 5,73%). Il-maġġoranza ta' l-attivitajiet elenkati fiż-żewġ programmi speċifiċi għall-JRC

kienu diġa kopruti bl-FP6 u se jtkomplew fl-FP7.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - il-Kummissjoni		
<b>Numru tal-proċedura</b>	2006/2018(BUD)		
<b>Kumitat responsabbli</b>	BUDG		
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE		
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>			
<b>Rapporteur ta' opinjoni</b> Data tal-ħatra	Neena Gill 21.2.2006		
<b>Rapporteur ta' opinjoni preċedenti</b>			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	20.6.2006	12.7.2006	12.9.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	12.9.2006		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	37 3 2	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Attard-Montalto, Šarūnas Birutis, Philippe Busquin, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Giles Chichester, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, Umberto Guidoni, András Gyürk, Fiona Hall, David Hammerstein Mintz, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Anne Laperrouze, Eluned Morgan, Reino Paasilinna, Aldo Patriciello, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Dominique Vlasto		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María del Pilar Ayuso González, Daniel Caspary, Neena Gill, Cristina Gutiérrez-Cortines, Edit Herczog, Lambert van Nistelrooij, Vittorio Prodi		
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>			
<b>Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>			